# QORTI TA' L-APPELL

**(SEDE INFERJURI)**

**IMHALLEF**

**ONOR JOSEPH SAID PULLICINO, B.A. (HONS), LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Jannar, 2001**

**Numru 6**

**Avviz Nru.2101/98 SM**

**Hans Jochim Link u Rita Link**

**vs**

**Raymond Mercieca**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fis-6 ta' Gunju, tas-sena 2000, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza li l-mertu taghha hu ir-responsabilita' ghal incident stradali bejn zewg vetturi misjuqa mill-kontendenti, l-attur u l-konvenut rispettivament.

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat it-28 t'Ottubru ta' l-1998 li permezz tieghu l-atturi fuq indikati sejhu lill-konvenut quddiem din il-Qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Prevja d-dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenut kien unikament respnsabbli ghall-incident stradali awtomobilistiku li gara nhar l-20 ta' Lulju ta' l-1998 fit-triq li minn San Pawl taghti ghall-Mellieha, bejn il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni FAE-094 u l-vettura misjuqa mill-mittent Hans J. Link bin-numur ta' registrazzjoni AAR-797, ghal liema incident, jahti unikament l-attur, tort tan-negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, wara liema incident l-attur baqa' sejjer bla ma waqaf, ("hit and run");

2. Ihallas dawk id-danni hekk likwidati minn din l-Onorabbli Qorti sofferti mill-atturi;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 t'Awissu ta' l-1998, u bl-ingunzjoni mid-data tal-prezentata ta' l-avviz ghas-subizzjoni;

Illi l-atturi iddikjaraw ukoll li d-danni reklamati ma jeccedux it-tlett mija u hamsin Lira Maltija, (LM350.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Jannar ta' l-1999 li permez taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li l-konvenut ma kienx involut fl-ebda incident awtomobilistiku kif qed jigi allegat fl-avviz fl-ismijiet premessi;

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xhieda prodotta;

Ikkonsidrat:

Illi in sintesi l-meritu ta' din il-kawza jista' jigi elenkat bil-mod segwenti:

1. Illi meta l-attur kien San Pawl il-Bahar fi triqtu lejn ic-Cirkewwa ghall-habta tas-2.30 p.m. sab vann tal-marka Ford Transit quddiemu miexi bil-mod;

2. Illi hekk kif l-attur kien qieghed fil-manuvra ta' sorpass, dan il-vann resaq lejn il-vettura tieghu u imbotta lil din i-vettura mal-blat fuq ix-xellug taghha;

3. Illi konsegwentement iz-zewg nahat tal-vettura ta' l-attur sfaw dannneggjati;

4. Illi konsegwentement sar rapport lill-Pulizija u ittiehdet din il-procedura;

5. Illi l-attur lealment informa lill-Qorti li ma jidentifikax il-persuna li ikkagunatlu d-danni in dizamina u lanqas ha n-numru tal-vettura li permezz taghha sofra dawn il-konsegwenzi;

6. Illi meta l-vann proprjeta' tal-konvenut gie spezzjonat mill-Pulizija dawn ma innotawx daqqiet fuq il-vann u lanqas kien hemm marki hodor fuqu;

7. Illi l-procedura odjerna ittiehdet stante li l-passiggier li kien hemm ma l-attur fil-hin ta' l-incident kien innota n-numru tal-vettura li allegatament ikkagunat l-incident in dizamina u ghaddieh lill-Pulizija;

8. Illi pero' lill-konvenut fl-Awla tal-Qorti ma gharfux;

9. Illi l-hsarat ta' l-attur ghadhom ma gewx riparati;

10. Illi jirrizulta li fil-gurnata in dizamina, il-konvenut u martu kienu fi triqithom lejn il-bahar, izda t-tragitt taghhom kien wiehed normali u minghajr ebda incidenti;

Ikkonsidrat:

Illi l-indikazzjonijiet karpiti mix-xhieda mismugha huma biss remotament indizzjarju u m'humiex bizzejjed biex jakkollaw responsabbilita' legali ghall-akkadut fuq il-konvenut;

Ikkonsidrat:

Ghaldaqstant, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez".

**L-Aggravju**

L-atturi jikkontestaw il-konsiderazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti ghaliex fil-fehma taghhom din kienet applikat kriterji ta' apprezzament ta' provi applikabbli fil-kamp kriminali imma li ma humiex applikabbli fil-kamp civili.  Jissottomettu li fil-kamp civili l-Qorti kienet tenuta tiddeciedi fuq bazi ta' probabilita' kif tirrizulta mill-fatti li jkun provat li graw min kellu htija ta' l-akkadut.

Il-Qorti, flok ghamlet dan l-ezercizzju u ddecidiet fuq il-probablita' ta' kif sehhew il-fatti strahet biss fuq l-apprezzament jekk kienx hemm provi bizzejjed kontra l-konvenut daqslikieku dak kien qieghed jigi processat kriminalment.  Inoltre l-appellant jissottometti li l-provi kellhom juru li l-verzjoni ta' l-atturi kienet ferm iktar attendibbli u kredibbli mic-cahda tal-konvenut, li hu ma kien bl-ebda mod involut fl-incident.  F'dan ir-rigward l-appellanti, fir-rikors ta' l-appell, jaghmlu analizi ta' dak li, fil-fehma taghhom, kienu l-elementi fattwali li sehhew u li pprovokaw is-sinistru.  Ezami li, fil-fehma ta' din il-Qorti, hu tahlita ta' realta' u ta' ipotesi, u ma jistax ikun hlief hekk, ghaliex, fil-verita', il-provi ghad-disposizzjoni tal-Qorti huma mill-aktar limitati, nieqsa mill-immedjatezza u mill-kjarezza.  Huma inoltre limitati ghal-verzjonijiet illi pprovdew il-kontendenti u l-

qraba taghhom, u dana minghajr is-sostenn ta' elementi ta' prova, indipendenti jew materjalment oggettivi.

Bizzejjed jinghad illi fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, lanqas kien possibbli li l-atturi jkollhom il-konfort ta' skizz preparat minn ufficjal tal-pulizija. Dana mhux biss ghaliex, skond huma, l-incident seta' jigi kwalifikat bhala *hit and run* billi l-vettura li allegatament laqtithom ma waqfitx izda baqghet tigi misjuq fi trieqtha, imma wkoll ghaliex ma kienu jirrizultaw mill-provi l-ebda elementi certi ta' fatt li setghu jippermettu r-rikostruzzjoni ta' kif, skond l-atturi, kien sehh is-sinistru. Hafna mir-rikostruzzjoni ta' l-incident, maghmul mill-appellanti jidher li hu bazat fuq kongettura aktar milli fuq prova fattwali. Rikostruzzjoni din li, rinfaccjata bic-cahda tempestiva u kategorika tal-konvenut appellat, titlef hafna mill-effikacja taghha. Hu sintomatiku li fir-risposta tieghu ghar-rikors ta' l-appell, l-appellat jittanta jidentifika l-provi prodotti mill-atturi inkonsistenzi bil-ghan li jiskossa l-koerenza tal-verzjoni attrici. Dan bl-istess mod jittantaw jaghmlu l-atturi fir-rikors ta' l-appell.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz li hi tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha. Dik il-Qorti kellha l-opportunita' shiha li tisma' x-xhieda viva voce u li tevalwa l-komportament taghhom fil-pedana tax-xhieda. Bhala qorti ta' revizjoni hi kellha generalment tirrispetta dan l-apprezzament u ma kellhiex twarrbu jekk mhux ghal raguni gravi li twassalha ghall-konvinciment li l-

konkluzzjoni li kienet waslet ghaliha l-ewwel Qorti kienet wahda manifestament zbaljata, u li konsegwentement, jekk tigi avallata, tkun ser tigi kommessa ingustizzja.

Mill-banda l-ohra din il-Qorti ma tifhimx kif l-appellanti, bl-aggravji taghhom qeghdin jistiednu lil din il-Qorti illi tinjora principju bazilari ta' dritt illi, f'kaz illi l-attur ma jipprovax il-premessi ghat-talbiet tieghu, dan ikun ifisser ic-cahda ta' dawk it-talbiet u l-liberazzjoni tal-parti konvenuta. L-applikazzjoni tal-principju *actore non probante reus absolvitur* kienet essenzjalment ezercizzju ta' analizi ta' provi fil-procedura civili. Dan il-principju mhux biss kien wiehed legalment san, imma kien wkoll regolatur fid-determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi fil-kamp civili. Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz allura, tenut kont tal-principji ta' dritt applikabbli u tal-kwalita' tal-prova prodotta, gustament deskritta mill-ewwel Qorti bhala "remotament indizjarja", din il-Qorti ta' revizjoni ma tarax, kif u ghaliex, tista' tasal ghall-konvinciment divers minn dak li waslet ghalih l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mm